# It-Tieni Ħadd tar-Randan

## Qari I

*Is-sejħa ta' Abram, missier il-poplu ta' Alla.*

Ġen 12, 1-4a

**Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi**

F'dak iż-żmien, 1il-Mulej qal lil Abram:
«Qum u itlaq minn artek, minn art twelidek,
u minn dar missierek,
lejn l-art li jien nurik.
2U jien nagħmlek ġens kbir,
inbierkek u nkabbarlek ismek,
u int tkun barka.
3Jien inbierek lil min ibierkek,
u nisħet lil min jisħtek.
4U jitbierku bik it-tribujiet kollha ta' l-art.»
U telaq Abram kif kien qallu l-Mulej.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 32 (33), 4-5.18-19.20 u 22

R/. (22): Ħa tkun, Mulej, it-tjieba tiegħek fuqna

4Sewwa hi l-kelma tal-Mulej,
kollox bil-fedeltà huwa għamel.
5Hu jħobb id-dritt u s-sewwa;
bit-tjieba tal-Mulej mimlija l-art. R/.

[18]Ara, għajnejn il-Mulej fuq dawk li jibżgħu minnu,
fuq dawk li jittamaw fit-tjieba tiegħu,
[19]biex jeħilsilhom mill-mewt ħajjithom,
u jaħjihom fi żmien il-ġuħ. R/.

[20]Ruħna tixxennaq għall-Mulej,
hu l-għajnuna u t-tarka tagħna.
[22]Ħa tkun, Mulej, it-tjieba tiegħek fuqna,
kif fik hi t-tama tagħna. R/.

## Qari II

***Alla jsejħilna u jdawwalna.***

2 Tim 1, 8b-10

**Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Timotju**

Għażiż, [8]aqsam miegħi t-tbatija għall-Evanġelju, u afda fil-qawwa ta'
Alla, [9]li salvana u sejħilna b'sejħa qaddisa, mhux għax qies
l-għemejjel tagħna, imma skond il-pjan tiegħu stess u skond il-grazzja
tiegħu. Din il-grazzja tahielna qabel iż-żmien ta' l-eternità fi Kristu
Ġesù, [10]imma dehret issa permezz tad-dehra tas-Salvatur tagħna
Kristu Ġesù li qered il-mewt, u dawwal il-ħajja bla tmiem permezz
ta' l-Evanġelju.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

ara Mk 9, 7

R/. Glorja u tifħir lilek, Kristu!
Fi sħaba kollha dawl, leħen il-Missier instema':
«Dan hu Ibni l-għażiż li fih sibt l-għaxqa tiegħi; isimgħu lilu.»
R/. Glorja u tifħir lilek, Kristu!

# Evanġelju

***Wiċċu sar jiddi bħax-xemx.***

Mt 17, 1-9

**✠ Qari mill-Evanġelju skond San Mattew**

F'dak iż-żmien, [1]Ġesù ħa miegħu lil Pietru u lil Ġakbu u lil ħuh
Ġwanni, tellagħhom fuq muntanja għolja weħidhom, [2]u tbiddel
quddiemhom. Wiċċu sar jiddi bħax-xemx, u lbiesu sar abjad
bħad-dawl. [3]U dehrulhom Mosè u Elija jitħaddtu miegħu.

[4]Qabeż Pietru u qal lil Ġesù: «Mulej, kemm hu sew li aħna hawn!
Jekk trid intella' hawn tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè
u waħda għal Elija.» [5]Kif kien għadu jitkellem, sħaba kollha dawl
għattiethom, u minn ġos-sħaba nstema' leħen jgħid: «Dan hu Ibni
l-għażiż, li fih sibt l-għaxqa tiegħi; isimgħu lilu.»

[6]Id-dixxipli, kif semgħu dan, waqgħu wiċċhom fl-art, mimlijin biża'.
[7]Ġesù resaq lejhom, messhom u qalilhom: «Qumu. La tibżgħux.»
[8]Huma refgħu għajnejhom u ma raw lil ħadd ħlief lil Ġesù waħdu.
[9]Huma u neżlin minn fuq il-muntanja, Ġesù ordnalhom u qalilhom:
«Tgħidu lil ħadd b'din id-dehra sa ma Bin il-bniedem ikun qam
mill-imwiet.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu